**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 377/01JR**

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Mansweto Grech; u l-istess Mansweto Grech**

**vs**

**Joseph Brian Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tlieta u tmenin lira Maltija u tletin centezmu (Lm183.30), dovuti bhala danni lis-socjeta` attrici in rigward ghall-incident stradali li gara fi Triq Industrija, Kirkop, fil-25 t'Ottubru, 1998, ghall-habta tat-8.10a.m. meta l-vettura numru ta'

**registrazzjoni FAS-493 misjuqa mill-konvenut habtet gol-vettura numru ta' registrazzjoni IBC-609 proprjeta` ta' Mansweto Grech, u dana minhabba traskuragni, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 2000, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Lulju, 2001, fejn intqal illi l-konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz fuq citat stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura IBC-609 u dan minhabba negligenza da parte biss ta' dan is-sewwieq ta' IBC-609;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Mansweto Grech, Francis Darmanin, Joseph Brian Caruana u PC256 Charles Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-25 t'Ottubru, 1998, ghall-habta tat-8.10a.m., fi Triq l-Industrija, Kirkop, hdejn l-entratura ghall-fabbrika tal-SGS Thompson.**

**2. L-attur kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni IBC-609, filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS-493.**

**3. Gie stabbilit li l-isketch esebit ma hux "to scale" u li hemm post biex jghaddu zewg karrozzi biss fil-wisgha ta' bejn is-"center strip" u l-gemb tat-triq. Gie stabbilit ukoll li qabel ma tasal ghall-entratura tal-SGS Thompson kien hemm vettura parkeggjata ftit il-barra mill-genb tat-triq.**

**4. Jirrizulta li l-attur xeghel l-indicator biex juri li ser idur ghall-gol-fabbrika. Necessarjament l-attur kellu jikser il-barra biex jaqbez il-vettura parkeggjata qabel ma jkun jista` jikser ghall-entratura tal-fabbrika, liema entratura tinsab fuq ix-xellug. L-attur ra lill-konvenut gej.**

**5. Il-konvenut da parti tieghu seta' jara dak li kien qed jigri quddiemu. Evidentement il-konvenut skalkula, u haseb li jista' jibqa' sejjer fil-karreggjata ta' barra u li kien jghaddi bejn il-vettura ta' l-attur u s-"center strip". Jirrizulta li f'waqt minnhom il-konvenut habat mas-"center strip" u baqa' diehel fl-attur. Huwa kellu 11.5metri "brake marks".**

**6. Jirrizulta li meta ntlaqat l-attur kien ga miksur sew ghall-go l-entratura tal-fabbrika. Ghalhekk ma jista' jigi addebitat ebda tort lill-attur ghall-incident li gara, izda jirrizulta li kien jahti unikament il-konvenut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija tlieta u tmenin lira Maltija u tletin centezmu (Lm183.30).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 2000, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**